# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 20**

**Avviz numru 1539/99/SM**

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Multi Toys Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat il-avviz fuq indikat datat il-25 t'Ottubru ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu, (LM348.89,0), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha mis-socjeta' attrici;**

2. **Bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja u bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru, 1999, kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-merkanzija in kwistjoni li ghaliha saret referenza fl-avviz kienet inghatat lura lis-socjeta' attrici bil-kunsens taghha, bil-konsegwenza li ma hemm l-ebda ammont dovut fil-konfront ta' l-istess socjeta' attrici;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' konvenuta kienet tiggestixxi hanut il-Mosta u kient tixtri gazzetti u perjodici mis-socjeta' attrici;**

2. **Illi din ir-relazzjoni bejn il-partijiet waqfet f'Ottubru ta' l-1998;**

3. **Illi f'Novembru ta' l-istess sena indikata fil-paragrafu precedenti l-hanut fuq indikat gie mikri mis-socejta' konvenuta lil certu Alfin Monsigneur;**

4. **Illi wara li s-socjeta' attrici ikkalkolat l-ammonti li kienu ghadhom dovuti lilha mis-socjeta' konvenuta, jirrizulta li kien Alfin Monsigneur li ghamel tajjeb ghal dan;**

**5. Illi sussegwentement jirrizulta wkoll li ntbaghtu xi “returns” lis-socjeta’ attrici kemm mis-socjeta’ konvenuta kif ukoll mill-gestur il-gdid tal-hanut de quo li kienu gew erroneament akkreditati f’kont wiehed mis-socjeta’ attrici;**

**6. Illi meta dan l-izbal kien realizzat kien gie immedjatament rettifikat billi gew identifikati r-“returns” separati tas-socjeta’ konvenuta u ta’ l-imsemmi Monsigneur u l-kreditu rizultanti gie ittrasferit ghal kont gdid;**

**7. Illi in konsegwenza ta’ dan l-analizi, il-bilanc meritu ta’ din il-procedura jirrizulta li kien dovut mis-socjeta’ konvenuta stante li kien jirrigwarda l-perjodu ta’ qabel Ottubru ta’ l-1998;**

**8. Illi s-socjeta’ konvenuta kienet debitament informata b’dan izda baqghet inadempjenti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta’ attrici pprovat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**